

Tajjeb li nfakkru kif l-Imqaddsa Marija, fit-13 ta' Mejju 1941 – jiġifieri Jum it-Tifkira ta' l-ewwel dehra tagħha f'Fatima ħelsitna minn dik li setgħet forsi tkun...

# L-Ikbar Straġi tal-Gwerra fl-Iskola ta' Ħal Qormi

**minn Mons. Mikiel Azzopardi**



Ftit huma dawk li għadhom jiftakru li, malli l-Italja ddikjarat gwerra lill-Ingilterra, twettaq pjan kbir ta' evakwazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tal-Kottonera. Bosta xjuħ, invalidi u mmankati, ma setgħux isibu post mal-familji tagħhom fl-irħula li laqgħuhom. Bl-inizzjattiva tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. Albert Laferla daqs 160 minnhom ġew rikoverati fl-Iskola tal-Gvern ta' Ħal Qormi. L-iskola ġiet mibdula f'*Home* apposta għalihom, immexxija għal kollox mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni *Medical Superintendent* kienet id-Dottoressa Irene Condachi (*School Medical Officer*); nurses kienu 21 soru ta' erba' Kongregazzjonijiet differenti (Franġiskani, tal-Karità, Dumnikani u 'Ta' Nuzzu'), megħjunin minn *teachers, maids, char-women,* ħasselin, eċċ - kollha *caretakers* ta' skejjel magħluqin minħabba l-gwerra. Jien li kont dħalt fid-Dipartiment biex nieħu ħsieb il-kura spiritwali tat-tfal, wara Mons. Giuseppe Darmanin sibt ruħi direttur spiritwali ta' din il-*Home* għax-xjuħ, invalidi u mmankati, għal matul il-gwerra kollha.

## Familja Kbira Taħt Saqaf Wieħed

Ir-rekoverati kienu jokkupaw il-klassijiet tal-pjan terran, u dawk tas-sular ta' fuq kienu baqgħu jintużaw bħala skola, fuq il-*half-time system*. Isfel, xi 160 xjuħ; fuq xi 240 tfal.

*Raids* u mhux *raids*, konna ngħixu qisna familja waħda mibnija fuq pedamenti sodi: L-Ewkaristija u l-Madonna – tqarbin ta' kuljum, Rużarju, konferenzi spiritwali ta' kuljum, sigħat ta' adorazzjoni anke bil-lejl fix-xelter, katina ta' adorazzjoni perpetwa: żewġ sorijiet jitbiddlu kull nofs siegħa.

L-editorjal ta' 'Leħen is-Sewwa' tal-14 ta' Mejju 1941, ġabet fi ftit kliem dak li kienet l-atmosfera ta' dik il-*Home*.

"Bosta ħsibijiet jiġu quddiem għajnejh waqt li wieħed ikun jaħseb fuq dak li ra f'dan il-post, fejn issaltan il-Karità Nisranija, fejn l-imħabba tal-proxxmu tas-sorijiet u tad-diriġenti u tal-pazjenti tista' tmissha b'idejk u tista' taraha aħjar waqt il-hemm.

## Ġrajja ta' l-Għaġeb

Dak l-editorjal kien kitbu l-mibki Mikiel Caruana, l-għada tal-fatti li ġraw ġo l-iskola f'Hal Qormi, nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju, 1941. Dawn il-fatti qed nikteb fuqhom għax jeħtieġ li jibqgħu reġistrati fl-istorja, u anki bil-ħsieb li nsaħħu fi qlubna l-fiduċja fil-qawwa tal-Madonna quddiem it-Tron t'Alla u sabiex nitkebbsu lejn Ġesù Ewkaristija.

L-ewwel sinjal ta' xi ħaġa kbira li konna se ngħaddu minnha ħassejtu fis-sebħ tat-8 ta' Mejju – festa tal-Madonna ta' Pompei. Sejjaħt lis-superjuri tas-sorijiet u għedtilhom li xtaqt li nagħmlu l-quddiesa ta' nofsinhar bis-"Supplika lill-Madonna". Il-*Head Teachers* qablu li għall-quddiesa jingħaqdu magħna t-tfal ta' l-iskola. Qabel is-supplika, għamilt kelmtejn lil dik il-ġemgħa li mliet il-kappella u l-kurituri ta' madwarha.

Bid-dmugħ f'għajnejja, stedint li kulħadd biex nitolbu ħafna: "Il-Madonna trid ħafna talb, għax xi ħaġa kbira ser tiġrilna!' għedtilhom u hekk seħħ! Tlabna, u l-Madonna semgħatna b'miraklu kbir ħamest ijiem wara!

## Daqq Misterjuż tal-Qanpiena

Billi l-iskola kienet 'il bogħod mill-Għassa tal-Pulizija u s-sirena ta' l-*air raids* ma kinitx tinstema', kellna ftehim li, meta jingħata l-alarm, iċemplulna mill-Għassa. Ċikku l-purtinar (li kien il-*caretaker* ta' l-iskola ta' San Ġiljan) kien iċempel qanpiena kbira, li kienet imdendla fuq fus quddiem il-bieb ta' l-iskola, billi jiġbed virga tal-ħadid, marbuta fl-għoli biex ma tintlaħaqx mit-tfal. Meta ddoqq din il-qanpiena, il-*Head Teacher* kienet issaffar suffara, u t-*teachers* iniżżlu t-tfal ġox-xelter taħt il-blat, mit-taraġ quddiem il-bieb prinċipali ta' l-iskola.

Fis-2.15 ta' wara nofsinhar kont f'kuritur ħdejn il-kamra tiegħi (li kienet ukoll l-ispiżerija) flimkien mad-dottoressa u żewġ sorijiet Franġiskani (Madre Providenza, Alla jaħfrilna, u Madre Luigia Callus). Kienet għadha kemm waslet il-posta, u kont qed naqra l-*headlines* ta' 'Leħen is-Sewwa'. F'daqqa waħda daqqet il-qanpiena ta' l-'*air raid warnings*'. Il-*Head Teacher*, Miss Rikarda Farrugia (li ma ilhiex li mietet) saffret is-suffara u klassi wara klassi, it-tfal ġew imniżżla fix-xelter.

Malli t-tfal kienu niżlu kollha, ġie jiġri lejja fil-kuritur Ċikku l-*caretaker* u beda jgħajjat "Dun Mikiel, dan mhux *air raid*! Jiena mar rċevejtx telefonati mill-Għassa! Xi ħadd daqq il-qanpiena biex jiċċajta!"

## "Direct Hit" fuq il-Tabernaklu

Lanqas laħaq spiċċa dawn il-kelmiet – jinstemgħu ħsejjes kbar, tisfira tal-biża', splużjoni ta' qawwa liema bħala, il-ħġieġ tal-bibien u tat-twieqi jittajjar qisu bċejjeċ tal-karti mar-riħ, sħaba ta' trab u duħħan, intiena u togħma li ma ninsieha qatt.

Kien biss dak il-ħin, wara li waqgħu l-bombi, li daqqet is-sirena biex twissi l-*air raid*! Il-bombi kienu waqgħu *direct hit* fuq il-kappella li kienet fis-sala tas-sular ta' fuq: iġġarraf għal kollox l-unika taraġ li minnu kienu għadhom kemm niżla xi 240 tfal u t-travi spiċċaw ġol-kċina u l-kmamar ta' maġenbha li mbarraw għal kollox il-bieb prinċipali ta' l-iskola.

L-artal, it-tabernaku, il-bankijiet u l-armonju...kollox sar frak. It-tabernaklu! Kont għadni kemm ikkonsagrajt pissidi mimli b'xi 400 ostja! Kollox mirdum taħt id-debris! Ġesù fl-Ewkaristija, ried jiġbed għal fuqu l-bomba sabiex isalva lil kulħadd!

## Il-Kumbinazzjonijiet tal-Providenza

Malli lmaħt il-kappella f'dak l-istat u bdejt nara l-ostji qalb il-ġebel u t-trab, bdejt nibki bħal tarbija. Ħsibt fiż-żewġ sorijiet li kien imisshom it-*turn* ta' l-adorazzjoni mis-2.00pm sas 2.30pm. Sirt naf li kien imisshom żewġ sorijiet Dumnikani. Waħda minnhom, Suor Margerita, kienet telgħet fil-kappella fis-2.00. Meta għaddew ħames minuti u rat li l-oħra, Suor Kristina, ma telgħetx, niżlet ħalli tara jekk għandhiex bżonn xi ħaġa: sabitha jħossha ħażin, u qagħdet tagħmillha ftit misħun – u hekk it-tnejn salvaw! Kieku l-bombi waqgħu għoxrin minuta aktar tard, kont immut jien flimkien mal-21 soru, għax billi dak in-nhar kont qed nagħmlilhom l-irtir tax-xahar, fis-2.30pm kelli nagħmlilhom priedka!

Il-*Head Teacher* Miss Rikarda Farrugia, ma niżlitx mat-tfal għax kienet qed tagħti xi ħaġa lill-*caretaker* kif iltaqgħu f'nofs l-imdana tat-taraġ. Malli waqgħu l-bombi, bil-blast tagħhom Miss Farrugia ssabbtet mal-ħajt, fejn kien hemm kurċifiss kbir. Fost daħna u s-sħaba tat-trab, sturduta u bla nuċċali hija marret biex tinżel it-taraġ. Billi l-puġġaman kien baqa' mwaħħal ma ndunatx li ma kienx għadu hekk.

Waqgħet żewġ sulari għal isfel bla ma ġralha xejn. Il-purtinara weġġgħet ħafif. In-neputija tagħħa ndunat li zijitha kienet tinsab taħt it-trab għax għarfitha minn roqgħa ħamra tad-dublett. B'xorti tajba din il-mara ħarġet tiġri mit-tifrik ħafifa daqs farfett! (Iltqajt magħħa m'ilux f'Toronto, il-Kanada). Fuq il-bejt, propju fejn splodew il-bombi kien hemm xi ħames ħasselin qed jonxru. Minkejja, li l-opramorti tal-bjut ittertqu bix-*sharpners*. Ħadd minn dawk in-nisa ma weġġa'.

## Veru miraklu!

Dak li jien sejjaħtlu veru miraklu, li ħlisna minn dik li setgħet kienet l-ikbar straġi tal-gwerra fil-gżejjer Maltin, huwa l-fatt li ħadd qatt ma skopra minn daqq il-qanpiena ta' l-*air raid* qabel ma daqqet is-sirena.

Kieku ma kienx dan il-fatt misterjuż, dawk il-240 tifel u tifla kienu jsiru zalzett, għax kien waqa' l-uniku taraġ li minnu kien għadhom kemm niżlu. Ma kinux jindunaw li waqa' (bħalma ġralha l-*Head Teacher*) u kienu jibqgħu jaqgħu, fil-paniku, fuq xulxin u bosta minnhom kienu jsibu mewta tassew tal-biża'.

L-unika "vittma" ta' dan il-bumbardament kien it-tabernaklu: Ġesù, realment preżenti fl-Ewkaristija Mqaddsa, ġibed il-bombi għal fuqu u salva lil kulħadd. Kulħadd baqa' miblugħ kif ħadd ma ġralu xejn, waqt li mijiet ta' ostji kkonsagrati kienu mxerrdin mat-trab, il-ġebel u d-debris.

B'dak li ġara għarraft lill-Arċisqof. Mons. Dom Mawru Caruana. Flimkien ma' saċerdoti oħra tal-parroċċa u mas-sorijiet bdejn niġbru l-partikoli.

Inqas minn siegħa wara l-bumbardament, is-sorijiet irranġaw ir-rikoverati b'mod li ħallew sala libera, biex erġajna għamilna kappella b'daqsxejn ta' artal b'tabernaku u malajr il-kappillan tal-Knisja ta' San Ġorġ ġab is-Santissmu Sagrament biex inkomplu l-adorazzjoni.

Waqt l-Ora Santa li għamiltha nhar il-Ħamis, kantajna t-Te Deum biex nirringrazzjaw lil Alla li għoġbu jeħlisna minn periklu kbir.

## Ġurnata li ma nsejnieha qatt

Domna niġbru l-ostji ħmistax-il ġurnata. Imbagħad għamlet ix-xita. Mort għand Mons. Arċisqof biex nistaqsih x'għandi nagħmel, "M'hemmx bżonn tibqgħu tfittxu," qalli.

Bil-għajnuna tat-*trucks* ta' l-A.R.P., id-*debris* li kien baqa' taħt it-tiġrif tal-kappella ġie ttrasportat u mixħut fil-baħar, fejn illum hemm il-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' l-Imsida. Dr. Laferla li wasal fuq il-post ftit wara l-bumbardament staqsieni: "X'se nagħmlu?"

"Inkomplu" weġibtu.

Komplejna sakem spiċċat il-gwerra, b'qalbna mimlija b'imħabba u gratitudni lejn Ġesù li kien salvana minn staġi tal-biża' u lejn Ommu Marija li għal dan il-miraklu għoġobha tagħżel il-jum għażiż tat-13 ta' Mejju kienet l-ewwel dehra tagħha lit-tliet rgħajja ċkejknin ta' Fatima.

***Nota:*** ***Dan l-artiklu nkiteb ftit żmien wara li ntemmet il-gwerra. Bosta min-nies li ssemmew f'din il-kitba fosthom l-awtur innifsu, Mons. Mikiel Azzopardi jinsabu fi ħdan il-Mulej. Inroddu ħajr lill-koppja Briffa, Thomas u Manwela li għadditilna dan l-artiklu dwar din il-ġrajja biex ma ninsewha qatt.***




Antoine Falzon
Barman tal-Każin PN Qormi
(Ħdejn il-Knisja ta' San Ġorġ)
jixtieq il-festa t-tajba lill-Qriema kollha.